MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Numru. 603/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Ivan Cilia**
**vs**
**Mark Bonnici**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Mark Bonnici ta’ 33 sena, bin Saviour u Victoria nee’ Pisani, imwieled tal-Pieta’ fid-9 ta’ Dicembru 1976, u residenti f’ 25, Triq Santa Teresa, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 54477(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fl-14 ta’ Mejju 2010 u fi granet precedenti, minn gewwa l-fond bin-numru 88, Flat 3, Triq Lapsi, San Giljan u f’postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer,

a. iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjai distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew mbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. Ghamel uzu, xjentement ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;

U cioe' software u programi tal-kompjuter ta' Microsoft Corporation.

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghal qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra u cioe' software u programi tal-kompjuter tal-Microsoft Corporation, u dan bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/I ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' Gunju, 2010 (esebit *a folio* 5

tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-30 ta' Settembru, 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-30 ta' Settembru, 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u l-fatt li huwa ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll li kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 298 (1) (a) (c) u (f) u 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessi, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum u li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat sabiex sa zmien sitt(6) xhur millum ihallas il-multa ta' elf ewro (€1000) f' rati mensili u konsekuttivi ta' €166.67, bl-ewwel pagament ikun dovut sa l-ahhar ta' Ottubru, 2010 b'dan illi jekk ir-rikorrent jonqos f'pagament wiehed il-bilanc isir dovut minnufih u jigi konvertit f'gurnata prigunerija ghal kull €11.65 dovuta.

Il-Qorti inoltre tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti ndikati f'Dok IC 7 li gew esebiti formalment fis-seduta tal-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------